MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 248/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Bonello)
Vs
Joseph Gauci

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Settembru, 2003 ghall-habta ta' 7.50 p.m. fil-Marsa :

1) f'post pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku iddedpozita, waqqa jew halla jaqa' hmieg jew materjal iehor;
2) ingurja u/jew dejjaq lil Rita Azzopardi bi kliem;
3) u aktar talli sar recediv b'sentenzi datati 9.2.2000 mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D u 3.9.2001 mill-Qorti tal-appell moghtija mill-Onor. Imhallef Dr. Degaetano LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Dicembru, 2003 li biha wara li rat l-artikoli 121 (2) tal-Kap. 10, kif ukoll 339 (e) u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal multa ta’ tletin lira Maltin (LM30), u b’applikazzjoni tal-artikolu 383 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta rabtet lill-akkuzat b’obbligazzjoni personali ta’ mitt lira Maltin (LM100) ghal zmien sena ghas-sigurta’ tal-istess Rita Azzopardi u biex tinzamm il-bon ordni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta’ Dicembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali;

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- 1. li l-ewwel Qorti semplicement esprimiet illi “Rita Azzopardi xehdet b’ mod kredibbli u konvincenti minghajr ma jissussisti dubju ragjonevoli” u anki jekk l-Ewwel Qorti harset lejn l-aspett viziv tax-xhud cioe’ “l-imgieba , karattru u kondotta”, naqset milli thares lejn il-linji gwidi ohrajn imsemmija fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali ;  2. li meqjusa dawn il-linji ta’ gwida l-ohra, x-xhieda ta’ Rita Azzopardi ma hix verosimili w lanqas hi msahha ghaliex mhux verosimili li meta rat lill-appellant jarmi l-hmieg wara l-bieb taghha ma kellmitu xejn ; lanqas hu verosimili li ma rraportatx l-incident dak in-nhar stess lil Pulizija , izda jiem wara; li mhux verosimili li tghid lill-Pulizija li ma kellu jaghmel xejn ghalissa ghax kienet sejra tkellem lill-avukat taghha; li mhux verosimili li, meta waqt il-kontroezami indikat li ma kienetx wahedha, lill-Pulizija ma indikatilhom ebda xhud biex iharrkuh . Li l-appellant ovvjament ma setax jirrispondi meta gie mistoqsi jghid fejn kien dak in-nhar . Illi t-tieni imputazzjoni li dejjaqha bi kliem ma tirrizulktax ghax Rita Azzopardi stess xehdet li lanqas biss kellmitu.  Ghalhekk jezisti d-dubju dettat mir-raguni w tali dubju ghandu jmur favur l-imputat appellant . Illi s-sentenza esebita tar-recidiva , setghet influwenzat lill-gudikant izda din ma kellhiex x’ taqsam .

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2004,

Semghet ix-xhieda fil-kors tal-istess seduta w tas-seduta tat-18 ta' Marzu, 2004;

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat ;

Illi mill-provi mismugha mill-gdid quddiem din il-Qorti jirrizulta li fid-data w fil-hin imsemmija fil-komparixxi u cioe fid-19 ta' Settembru, 2003, ghall-habta tas-7.50 p.m. **RITA AZZOPARDI** kienet id-dar taghha meta rat lill-appellant li hu gar taghha u li kien xi zmien qabel ittantaha w ma tatux wicc , jitfa' bhal hmieg uman fuq l-ghatba taghha minn "container" qiesu basket tal-plastic . Hi dak il-hin ma kellmitux ghax hekk qalulha taghmel . Lanqas hu ma kien kellimha dak il-hin . Umbaghad l-appellant dahal bil-container li kellu wara l-grada w dahal . Hi rraportat dan lill-Pulizija.

**PS 1283 CARMELO COSTA** xehed li Azzopardi kienet irraportatlu li dak in-nhar , hi w binha kienu osservaw lil Gauci l-appellant , wara li kienet ilha ssofri mill-fatt li kienu jpoggulha urina w hmieg fuq l-ghatba taghha . Meta hu kien kellem lill-appellant , dan kien cahad kollox u kien qallu li hu meta jidlam, jidhol gewwa w ma jergax johrog.

**L-ISPETTUR JOSEPH CORDINA** kkonferma li s-sentenzi esebiti a fols 6 u 11 kienu jirriferu ghall-appellant li hu gharaf prezenti fl-awla.

**L-APPELLANT** xehed li kien hemm relazzjoni ta' disa' xhur bejnu w bejn Azzopardi. Kienu pogguti imma gzawh lill-mara w kien waqaf imur ghandha aktar. Ma kien veru xejn li kien gara l-incident mertu tal-kawza w kollu kien

xena ghax Azzopardi kienet tobghodu w tghir ghalih. Qatt ma waqqfitu w qaltlu “Int qed titfa’ l-hmieg!”. Il-Pulizija ma kienux kellmuh hlief jumejn jew ftit granet qabel il-kawza. Dak in-nhar ma kienx jaf x’ qed jaghmel.

Ikkonsidrat ;

Illi ma hemmx kwistjoni li t-tieni imputazzjoni ma tirrizultax pruvata , ghaliex tirriferi ghall-ingurja jew kaz ta’ min idejjaq **bi kliem** . Di fatti, irrizulta mid-depozizzjoni tal-istess Rita Azzopardi li dak in-nhar la hi u lanqas l-appellant ma kienu skambjaw xi kliem . Hu minnu li l-artikolu 339 (1) tal-Kap.9 citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata jipprovdi ghal min *“jaghmel lil haddiehor ingurji …mhux imsemmija band’ ohra f’ dan il-Kodici….”* u dan koncepibbilment jinkludi agir bhal ma hu l-iddepozitar ta’ hmieg jew escreta fuq l-ghatba tal-gar , imma fil-kaz in ezami l-appellant kien gie akkuzat u nstab hati talli ingurja bi kliem, li hu reat li jinkwadra ruhu taht l-artikolu 252 (1) jew (2) u dan manifestament ma jirrizultax . Ghalhekk l-aggravju relattiv qed jigi milqugh .

Mill-banda l-ohra pero’ , l-kwistjoni li tibqa’ hi wahda ta’ kredibilita’ bejn il-versjoni ta’ Azzopardi w dik ta’ l-appellant u din il-Qorti thoss - wara li rat liz-zewg partijiet koncernati jiddeponu – li l-versjoni ta’ Rita Azzopardi hija aktar attendibbli min dik tal-appellant u ghalhekk ma tarax ghaliex ghandha tvarja l-apprezzament ta’ fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti meta emmnet lill-Azzopardi w skartat ic-cahda kategorika tal-appellant . L-argumenti li ressaq l-appellant biex jiskredita l-versjoni t’ Azzopardi ma joholqux f’ mohh il-gudikant dak id-dubju ragjonevoli li trid il-ligi , ghax skond l-artikolu 638 (2) ix-xhieda ta’ xhud wiehed biss , jekk emmnut , hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox , daqs kemm kieku il-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Illi din il-Qorti thoss li fuq il-bazi tal-provi mismugha - li prezumibilment kienu l-istess quddiem l-Ewwel Qorti - dik il-Qorti setghet legalment u logikament tasal ghall-konkluzzjoni ta’ htija dwar l-ewwel imputazzjoni. Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali “**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**” [9.7.2003], “ *mhux kull konflitt fil-provi*

*ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux. "*

Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha raguni serja bizzejjed biex tvarja l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u fejn - dwar l-ewwel imputazzjoni - emmnet il-versjoni ta' Rita Azzopardi w ma emmnitx lill-appellant.

Illi umbaghad ma hemmx kwistjoni li l-addebitu tar-recidiva jirrizulta pruvat .

Illi dwar il-piena , peress li skond l-artikolu 319 (2A) tal-Kap.10 , meta persuna tinstab hatja ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 121 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija , din ghandha tehel multa ta' mhux inqas minn hamsin lira Maltin (LM50) , u peress li f' dan il-kaz il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti diga kienet inqas mill-minimu preskritt mill-ligi ghall-htija taht l-ewwel imputazzjoni, ma hux il-kaz li din il-Qorti tirriduci ulterjorment il-multa inflitta mill-Ewwel Qorti . Jidher ukoll opportun li l-garanzija ghandha tibqa' in vigore.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament fis-sens li gej u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w minnha tilliberah w tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w in kwantu sabitu hati tal-addebitu tar-recidiva w kkundannatu ghall-multa ta' tletin lira Maltin (LM30) u in kwantu rabtet lill-appellant b'obbligazzjoni personali ta' mitt lira Maltin (LM100) ghas-sigurta' ta' Rita Azzopardi u biex jinzamm il-buon ordni ghal zmien sena, b'dana pero' li dan iz-zmien ghandu jibda jiddekorri mill-lum u ghalhekk l-appellant ghandu minnufieh jiffirma obbligazzjoni gdida f' dan is-sens .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------